# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 31 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali: 97/2017MH**

**Numru:**

**Olena Caruana Verbystka**

**Vs**

**Avukat Ġenerali u għall kull interess**

**Li jista' jkollha Catherine Imperia**

**Caruana.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors promotur Kostituzzjonali/Konvenzjonali** fejn ġie premess illi:

1. *Illi fit-12 ta` Settembru 2000 hija żżewġet ma` Paul Caruana.*

2. *Illi sussegwentement matul iż-żwieġ huma akkwistaw l-appartament magħruf bħala 'Regent Place' Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius tad-29 ta' Marzu tas-sena 2001 biex hija, flimkien mal-allura żewġha jgħixu fih.*

3. *Illi meta inxtara dan l-appartament l-esponenti kellha l-intezjoni u intiża li dan ser iserviha bħala r-residenza ordinarja tagħha għal dejjem.*

4. *Illi sussegwentement 'l allura żewġha Paul Caruana istitwixxa proċeduri ta` separazzjoni personali kontra tagħha liema proċeduri ġew deċiżi fil-* ***Prim Istanza fil-5 ta` Frar 2015*** *u konfermati fl-****Appell fl-24 ta` Ġunju 2016*** *fejn il-Qorti kkonċeditila żmien ta` sena biex tibqa` tirrisjedi fl-istess appartament u wara din is-sena l-appartament kellu jinbiegħ u l-esponenti tivvaka minnu.*
5. *Illi matul dan il-proċess miet żewġha fl-24 ta` Awwissu 2015 u l-aħħar testment tiegħu huwa dak li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tas-6 ta` Novembru 2012 li b'riżultat tiegħu, ommu, l-intimata Catherine Imperia Caruana hija eredi universali tiegħu.*

6. *Illi l-esponenti intavolat proċeduri fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***'Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska vs Catherine Imperia Caruana' Rikors Ġuramentat numru 1064/2016 LM*** *fejn hija qiegħda tikkontesta l-validità tal-aħħar testment fuq imsemmi billi ssostni illi dan l-aħħar testment m'huwiex wieħed validu u skond il-liġi u għalhekk għandu japplika fil-konfront tal-eredità tiegħu t-testment li sar qablu cioe dak fl-atti tan-Nutar Rueben Debono tal-10 ta` Novembru 2010.*

7. *Illi dawn il-proċeduri għadhom pendenti.*

8. *Illi matul dan il-proċess, l-intimata Catherine Imperia Caruana intavolat rikors għall-ħruġ ta` mandat ta` żgumbrament liema mandat ġie milqugħ u l-esponenti ġiet avżata mill-Marixxal biex tivvaka fi żmien tmint' ijiem mill-istess notifika.*

9. *Illi l-esponenti intavolat rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi* ***Mandat ta` Żgumbrament permezz ta` Rikors 213/2017*** *liema rikors ġie deċiż negattivament għall-esponenti fis-****6 ta` Novembru 2017*** *u l-esponenti interponiet appell.*

10. *Illi l-esponenti ttenni illi jekk il-mandat jiġi eżegwit hija ser tkun imċaħda milli tgawdi ħwejjiġha billi hija li għandha sehem ta` nofs indiviż fl-imsemmi proprjetà bil-potenzjal illi jekk ikollha suċċess fil-proċeduri fuq imsemmija jkollha sehem ulterjuri fl-istess proprjetà u sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri fuq imsemmija, m'huwiex possibbli li l-proprjetà tinbiegħ.*

11. *Illi l-esponenti m'għandiex mezzi biex takkwista kommutazzjoni alternattiva u l-unika post fejn għandha biex tgħix huwa proprju l-fond fuq imsemmi u biex hija jirnexxiela takkwista proprjetà oħra, hija bil-fors ikollha bżonn tbiegħ l-istess proprjetà iżda minħabba l-proċeduri fuq imsemmija mhux possibbli li din il-proprjetà tinbiegħ.*

12. *Illi għalhekk b'riżulta tal-imsemmija sentenza u tal-mandat ta` żgumbrament l-esponenti qiegħda tiġi mċaħħda mid-dritt li jkollha tgawdija xierqa tal-possedimenti tagħha u dan in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha kif sanċiti fl-****Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni*** *Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u fl-****Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta*** *u apparti dan, il-bejgħ u żgumbrament forzat joħloq żbilanċ qawwi u ma jissodisfawx l-fair balance test.*

13. *Illi l-esponenti ttenni illi apparti l-fatt illi qiegħdin jiġu mċaħħda d-drittijiet fondamentali tagħha, ma hemm l-ebda utilità li l-esponenti tiġi ordnata tiżgumbra mill-imsemmi post diment li l-proċeduri dwar il-validità o meno tat-testment jibqgħu pendenti biex il-post jibqa` battal mingħajr ebda dħul għall-esponenti anzi bi preġudizzju serju għall-esponenti li saħansitra l-anqas biss ikollha fejn tgħix. Hija għandha dritt li tgħix f'darha u fil-privatezza (respect for home). L-intimata Caruana għandha fejn tgħix m'għandhiex xi bżonn partikolari għal fond de quo. Dan id-dritt ta` privatezza, li japplika anke orizzontalment (Drittwirkung), jimplika rispett għad-dritt tal-esponenti li tgħix fid-dar (home) li meta xtratha hija ippjanat li ser isserviha għal għomorha. Jekk tiġi mkeċċija dan id-dritt, li huwa sanċit bl-***Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***, jkun qed jiġi wkoll vjolat.*

14. *Bl-iżgumbrament tagħha, partikolarment kif ġja ingħad, qabel ma jkun hemm eżitu fuq il-kawża fuq imsemmija tat-testment, l-fond ma jistgħax jinbiegħ. L-esponenti ma tridx tbiegħ sehemha iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jikkonċedi li dan iseħħ, tali bejgħ ma jistgħax isir qabel ma l-vertenza dwar it-testment tiġi epurata. Li qed jiġi intentat huwa li l-esponenti tiġi żgumbrata minnufih, mingħajr ma għandha fejn tmur, mingħajr ma ġiet offruta akkomodazzjoni xierqa. Litteralment tintefa barra fit-triq. Apparti li dan ikun in vjolazzjoni tal-imsemmi Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, tali aġir jammonta għal trattament inuman u degredanti bi ksur tal-***Art 3 tal-Konvenzjoni.*** Wieħed jiddubita serjament l-motivi vera wara l-aġir ta` Catherine Caruana fejn hija qed tinsisti fuq l-eżekuzzjoni tal-mandat. Illi l-esponenti ġa sofriet severament minħabba l-indħil ta` Catherine Caruana fiż-żwieġ tagħha ma` żewġha. Dan ħareġ ċar meta Paul Caruana kien intenta proċeduri ta` annullament*

*ta` żwieġ, liema proċeduri intemmu negattivament għalih kemm 'il għaliex hu stess kien għamilha ċara li hu ma riedx jagħmel il-kawża iżda għamilha fuq pressjoni ta` ommu, kif ukoll 'il għaliex il-Qorti stess ravviża l-intensita tal-indħil barra minn loku.*

> *"I didn't start the annulment proceedings myself, but it seems the only way, I don't know…. I didn't start the annulment proceedings myself, it was my parents who started the annulment proceedings and I had second thoughts because I, because I don't think it will work out."*

15.*Fuq dan l-aspet l-Qorti tal-Appell ikkumentat:*

> *"jidher li l-omm l-appellat dahlet denba aktar fin-nofs milli kienet dahlitu qabel, u bdiet tindahal b'mod li dak li setghet ga kienet sitwazzjoni delikata minhabba l-karattru psikologiku u fragili tal-attur spiccat biex waslet biex il-partijiet infirdu de facto. Sinjifikanti, per ezempju, huwa l-animu tal-omm l-attur ghandha kontra l-konvenuta….."*

*(Vide Sentenza Paul Caruana vs Olena Caruana App Rik 298/2007 deċ 29/05/2009)*

16.*L-Istat għandu obbligu li jaċċerta li ma jiġux krejati sitwazzjonijiet simili – sitwazzjoni li tagħti lok għal abbuż u dan bi preġudizzju serju għall-esponenti. Dan kollu qed ikollu effett serju fuq l-esponenti – effett kemm fiżiku kif ukoll mentali. L-iżgumbrament ta` persuna minn daru mingħajr ma jaf fejn jista jmur jorqod u jgħix huwa trawmatiku u ta` inkwiet kbir.*

17. *Illi appati dan l-esponenti ittenni li ġew, jew sejrin jiġu leżi d-drittjiet tagħha kif sanċiti fl-***Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni***.*

18. *Illi l-esponenti hija ben konxja illi jekk jiġi mkeċċiha mid-dar hija tiġi f'sitwazzjoni stretta w allarmanti fejn tiġi mġiegħla tasal f'sitwazzjoni li jkollha ċċedi l-kawża u taċċetta li din tinbiegħ biex tkun tista` ssib saqaf fuq rasha. Hija ma tkunx qed tiġi mħolliha issegwi l-ġudizzju li hija trid mingħajr intralċ. Hija trid u għadha dritt li tippretendi li jollha garanzija li fi proċess ġudizzjarju avversjali, li jkun hemm ugwaljanza għall-partijiet (equality of arms), ugwaljanza mingħajr indħil u pressjoni sproporzjonata. Il-biza` vera tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenzi u mandat jġibu fix-xejn il-pożizzjoni difensjonali tal-esponenti.*

19. *Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   i. *tiddikjara u tiddeċiedi illi b'riżultat tal-imsemmi Mandat ta` Żgumbrament u tas-sentenzi tal-Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell dwar is-separazzjoni fuq imsemmija, sejrin u/jew qiegħdin jiġu mittiefsa d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 Protokol 1, u/jew Art 3 u /jew Art 8 u/jew Art 6 u/jew Art 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u l-Art 37 u 39 tal-Kostituzzjoni;*

   ii. *tagħti rimedju xieraq u opportun lill-esponenti billi:*

      (a) *Tagħti interim measure pendente lite billi tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta` żgumbrament u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża f'Ġunju 2016 fuq imsemmija kemm*

*sakemm ikunu pendenti dawn il-proċeduri kif ukoll sakemm tiġi deċiża finalment il-kawża dwar it-testment ta` Paul Caruana.*

(b) *Tagħti rimedju defenittiv billi tordna li l-esponenti għandha dritt tkompli tirrisjedi fil-fond de quo għal għomorha jew għal kull żmien ieħor li jkun xieraq u opportun fid-dawl tal-premess.*

(c) *tagħti kull rimedju xieraq u effettiv kompriż il-kundanna tal-intimati, jew min minnhom sabiex iħallsu kemm danni pekunjarji kif wkoll danni non pekunjarji.*

20. *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali**[1] fejn ġie eċċepit illi:-

1. *Illi fl-ewwel lok, din l-azzjoni kostituzzjonali hija bikrija ladarba r-rikorrenti qegħda tipprova twaqqa' l-effetti tal-mandat ta' żgumbrament permezz tal-proċeduri ċivili, fl-ismijiet Catherine Imperia Caruana vs. Olena Caruana Verbystka (Rik. Nru. 213/2017JPG). Tassew, jekk l-azzjoni ċivili li fil-preżent tinsab quddiem il-Qorti tal-Appell, tintrebaħ mir-rikorrenti, allura din il-proċedura kostituzzjonali tkun ġiet li saret għalxejn. Għalhekk ladarba r-rikorrenti għandha f'idejha rimedju ordinarju biex twaqqa' l-mandat ta' żgumbrament mitlub minn Catherine Imperia Caruana, ikun aħjar li l-ewwel jingħalqu dawk il-proċeduri, qabel ma jissoktaw dawn il-proċeduri;*

2. *Illi min-naħa l-oħra, jekk ir-rikorrenti tixtieq li l-appartament imsemmi fir-rikors kostituzzjonali ma jinbiegħx qabel jintemmu l-proċeduri ċivili Olena Volodymyrivna Caruana Verbystka vs. Catherine Imperia Caruana (Rik. Nru. 1064/2016 LM), li huma dwar is-siwi tal-aħħar testment magħmul minn Paul Caruana, allura hija kien messha l-ewwel inqdiet bir-rimedju ordinarju tal-mandat ta' inibizzjoni qabel ma daret għal fuq l-azzjoni kostituzzjonali;*

[1] Folio 15

*Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent qiegħed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lura milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha skont l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq ksur tal-jedd tal-proprjetà, kif imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan assolutament ma jistax jiġi milqugħ, peress li skont l-artikolu 37(2)(h) tal-Kostituzzjoni, dan il-jedd ma jistax jiġi invokat biex iwaqqa' jew iżomm l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordnijiet ta' qrati;*
4. *Illi anke kieku stess, ma jistax jingħad li f'dan il-każ seħħ ksur tal-jedd tal-proprjetà tar-rikorrenti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, għaliex ma jirriżultax li l-Istat b'mod obbligatorju ħa għalih xi ġid li kien tar-rikorrenti, mingħajr ma ta l-jedd lir-rikorrenti tiġġieled għalih quddiem il-qrati tagħna;*

5. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, dan ukoll ma jistax jintlaqa' minħabba li sallum ħadd ma ħa s-sehem ta' nofs indiviż li r-rikorrenti għandha fl-appartament inkwistjoni;*

6. *Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hija s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor minħabba li sallum hijiex mhijiex meqjusa bil-liġi li hija l-werrieta ta' Paul Caruana. Għalhekk sakemm mhemmx sentenza finali tal-qrati tagħna li tgħid li hi s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor li kien jappartjeni lil Paul Caruana, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hi għandha xi possediment fuq dak in-nofs, b'dana għalhekk li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistax jiġi mqanqal għal dan in-nofs li mhux tagħha;*

7. *Illi naturalment jekk tirbaħ fil-proċeduri Olena Volodymyrivna Caruana Verbystka vs. Catherine Imperia Caruana (Rik. Nru. 1064/2016 LM), ħadd ma hu ħa jippreġudikalha l-jedd tagħha fuq nofs is-sehem l-ieħor. Jekk l-appartament jinbiegħ, hija jkollha l-jedd li tiġbor mingħand Catherine Imperia Caruana l-valur ta' dak in-nofs li jkun inbiegħ;*

8. *Illi r-rikorrenti lanqas mgħandha raġun tilmenta li hi qegħda tiġi mfixkla fl-użu tal-appartament. Dan għaliex ma jirriżultax li llum ir-rikorrenti għandha l-jedd bil-liġi li tgħix ġol-appartament mertu ta' din il-kawża. Kemm hu hekk, b'sentenza tal-Qorti tal-Familja mogħtija fil-5 ta' Frar 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju 2016), hi ġiet meqjusa responsabbli li farrket iż-żwieġ tagħha u għalhekk il-Qrati imponew fuqha s-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 48(1)(a) tal-Kap 16 tal-*

*Liġijiet ta' Malta, fosthom it-telf tal-jedd li tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali skont l-artikolu 633 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi barra minn dan, il-fatt waħdu li hija sid ta' nofs indiviż tal-appartament ma jagħtihiex il-jedd awtomatiku li tgħix fl-appartament bl-esklużjoni tas-sid tan-nofs l-ieħor. Dan għaliex skont l-artikolu 491(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, komproprjetarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa komuni kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom;*

10. *Illi l-argument li hi m'għandhiex post ieħor fejn togħqod ma huwa ta' ebda wens għaliha, mhux biss għaliex anke l-komproprjetarju l-ieħor għandu l-jedd li jgawdi minn ħwejġu, iżda anke għaliex kienet hi stess li bl-għemil abbużiv tagħha lejn żewġha ġiet li tilfet il-jedd li tgħix f'dan l-appartament. B'żieda ma' dan, kif tajjeb irrimarkaw is-sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna, hi kapaċi taħdem. Għalhekk jekk hi mgħandhiex flus biex toqgħod x'imkien ieħor, kulma għandha tagħmel huwa li bħan-nies l-oħra tad-dinja tmur taħdem u taqla' l-flus u b'hekk ikollha biex tikri jew tixtri dar oħra. Għażla oħra li għandha f'idejha r-rikorrenti hu li tbiegħ sehma mill-appartament u mir-rikavat tkun tista' tfittex band'oħra fejn toqgħod;*

11. *Illi fl-aħħarnett l-ilment tar-rikorrenti kontra s-sentenzi tal-qrati li ordnaw il-bejgħ tal-appartament u l-ilment kontra l-ordni tal-mandat ta' żgumbrament huma manifestament mingħajr bażi. Ir-rikorrenti ma tistax targumenta li dawn id-deċiżjonijiet huma sproporzjonati meta wieħed iqis li dawn ittieħdu f'qafas ta' proċeduri ġudizzjarji fejn ir-rikorrenti ngħatat id-dritt li tressaq il-provi kollha li xtaqet u li tressaq is-sottomissjonijiet kollha li dehrulha xierqa;*

*Għaldaqstant r-rikorrenti ma tistax tilmenta b'suċċess li ġie mkasbar lilha l-jedd tat-tgawdija ta' ħwejjiġha, la taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wisq aktar taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

12. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ilment marbut mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, jingħad li dan kien ikun ġustifikat li kieku r-rikorrenti kellha l-jedd bil-liġi li tgħix ġewwa l-appartament. Iżda ladarba l-qrati tagħna ddeċidew li r-rikorrenti mgħandiex aktar il-jedd li tgħix fl-appartament inkwistjoni, allura kollu għalxejn li hija tinvoka dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Huwa sintomatiku li persuna ma tistax titlob ħarsien tal-artikolu 8 fuq ġid li dik il-persuna ma jkollhiex dritt ta' abitazzjoni fuqu;*

13. *Illi barra dan, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li l-artikolu 8 mhuwiex jedd assolut iżda huwa soġġett għall-eċċezzjoni msemmija fl-artikolu 8(2) li jagħti d-dritt lill-Qorti bħala awtorità pubblika li tindaħal f'dak il-jedd sabiex tipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Mhijiex ir-rikorrenti biss li għandha drittijiet iżda anke l-intimata l-oħra Catherine Imperia Caruana;*

14. *Illi l-fatt li hemm kawża pendenti biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana huwa irrilevanti għaliex ir-realtà ġuridika attwali hija li r-rikorrenti m'għandhiex jedd ta' abitazzjoni fuq l-appartament għaliex hija tilfet dan id-dritt fil-proċeduri ta' firda personali. Barra minn dan, sallum ir-rikorrenti mhijiex l-uniku sid ta' dan l-appartament. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi l-unika sid tal-appartament minħabba li l-aħħar testment ta' żewġha huwa null għadha ma ġietx pruvata. Għalhekk sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja f'dan is-sens, hija ma tistax tgħid li hija s-sid waħdieni tal-appartament;*

15. *Illi fl-aħħarnett għar-raġunijiet ġa fuq imsemmija, ma jiswiex l-argument l-ieħor tar-rikorrenti li hi mgħandhiex post fejn toqqgħod jekk titkeċċa mid-dar. Wara kollox persuna li mgħandhiex jedd skont il-liġi biex tokkupa dar ma tistax tinqeda bl-artikolu 8 sabiex tilleġittima l-okkupazzjoni tagħha;*

*Għalhekk anke dan l-ilment kif mibni fuq l-artikolu 8 mhuwiex ġustifikat;*

16. *Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jiddikjara li r-rikorrenti assolutament ma ġiet assoġġettata għal ebda trattament inuman jew degradanti. Sentenzi jew ordnijiet ta' qrati ċivili dwar okkupazzjoni ta' proprjetà taħt l-ebda forma ta' immaġinazzjoni, ma jistgħu jikkwalifikaw bħala xi pieni jew trattamenti degradanti u/jew inumani. Anzi miżuri bħal dawn, mogħtija f'ambitu ta' proċessi ġudizzjarji, huma komuni ħafna, jekk mhux ukoll mistennija, li jittieħdu f'soċjetà ċivili u demokratika;*

17. *Illi jeżisti trattament inuman jew degradanti meta dan jilħaq livell minimu ta' severità. Għalkemm proċess ġudizzjarju jista' joħloq ċertu anzjetà u jwasslu għal konsegwenzi li ma jinżlux tajjeb mal-persuna milquta, madankollu dan bl-ebda mod remot ma jista' jitqies daqshekk gravi li jikkostitwixxi trattament inuman u/jew degradanti. Wara kollox huwa fid-dmir tal-qrati jaqtgħu tilwim marbut mal-proprjetà;*

18. *Illi fi kliem ieħor ir-rikorrenti ma tistax itenni li hija ġiet trattata b'mod inuman jew degradanti mill-qrati tagħna għas-sempliċi raġun li tilfet kawża.*

*Mhuwiex xieraq min-naħa tar-rikorrenti li tagħmel allegazzjoni serja bħal din, li għandha karattru inġurjuż jekk mhux ukoll libelluż;*

19. *Illi l-argument imsemmi mir-rikorrenti li hija qegħda tbati l-azzjonijiet ġudizzjarji mmexxija minn Catherine Imperia Caruana huma irrilevanti fil-kuntest ta' din l-azzjoni kostituzzjonali. Jekk ir-rikorrenti qed tħoss li Catherine Imperia Caruana qegħda tabbuża mill-jeddijiet proċesswalI tagħha biex tivvendika minnha, allura r-rimedju ma kellux ikun l-azzjoni kostituzzjonali iżda l-azzjoni għad-danni kontra l-imsemmija Catherine Imperia Caruana;*

*Għalhekk minn dan kollu għandu jirriżulta li anke dan l-ilment mhuwiex ġustifikat u mgħandux jintlaqa';*

20. *Illi dejjem bla preġudizzju għal dak li ngħad aktar kmieni, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-jedd ta' smigħ xieraq, l-intimati jilqgħu li dan huwa manifestament ħażin jekk mhux ukoll fieragħ. Ma hu veru xejn li jekk hi titlaq mid-dar ta' abitazzjoni hija jkollha ċċedi l-kawża dwar in-nullità tat-testment. Il-kawża li fetħet biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana ma tiddependix fuq jekk ir-rikorrenti tibqax tgħix fl-appartament inkwistjoni, iżda tiddependi fuq jekk hija ġġibx provi biżżejjed tajba li juru li Paul Caruana tabilħaqq ma kienx kapaċi jagħmel dak it-testment;*

21. *Illi l-argumenti dwar l-ugwaljanza tal-armi u l-intralċ fil-ġudizzju msemmija fir-rikors kostituzzjonali huma assolutament irrilevanti. Tabilħaqq il-proċeduri marbuta mal-iżgumbrament ma jolqtux il-jeddijiet tar-rikorrenti fil-kawża marbuta mat-tħassir tat-testment, bħalma lanqas ma huma ħa jfixxkluha fil-mod ta' kif tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha f'dik il-kawża;*

22. *Illi f'dan il-kwadru l-esponenti jittama biss li l-kawża marbuta mat-tħassir tat-testment mhijiex qed tintuża bħala paraventu biex tipprova ddewwem l-okkupazzjoni illegali tagħha fl-appartament;*

23. *Illi lilhinn minn dan anke jekk jinbiegħ l-appartament ma jfissirx li l-kawża dwar it-tħassir tat-testment tiġi superfluwa. Dan għaliex jekk hija tirbaħ dik il-kawża u r-rikorrenti tiġi li kienet is-sid waħdieni tal-appartament, allura dan ikun ifisser li jkollha l-jedd li tiġbor ir-rikavat anke fuq in-nofs tas-sehem l-ieħor;*

*Għaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi miċħud ukoll;*

24. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal dak kollu li ntqal qabel, fl-aħħarnett ir-rikorrenti lanqas ma hi siewja meta targumenta li hija ma kellhiex rimedju effettiv taħt il-liġi domestika bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Ir-rikorrenti kellha rimedju biex tattakka t-telf tal-jedd ta' abitazzjoni fil-proċeduri tal-firda personali, għad għandha rimedju biex tattakka l-mandat ta' żgumbrament quddiem il-Qorti tal-Appell, għad għandha rimedju li tit-lob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżżomm il-bejgħ tal-appartament sakemm tinqata' t-tilwima dwar is-siwi tat-testment u għandha wkoll jekk hemm bżonn ir-rimedju kostituzzjonali;*

25. *Illi r-rikorrenti qed tifhem ħażin dan il-jedd konvenzjonali jekk hija qed tinterpretah li dan jgħodd biss jekk kemm-il darba hija tirbaħ il-kawżi. Tassew l-effikaċja tar-rimedji ma jiddependix fuq iċ-ċertezza tal-eżitu favorevoli għar-rikorrenti;*

*Jiġi b'hekk li anke dan l-ilment mhuwiex mistħoqq u għalhekk għandu jiġi mwarrab;*

26. *Illi l-esponenti jagħlqu billi jtennu li la mhemmx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali allura l-ebda rimedju mgħandu jingħata lir-rikorrenti. Imma anke kieku stess, fiż-żgur it-talba tar-rikorrenti biex hija tibqa' tgħix fl-appartament inkwistjoni ma tistax issib f'postha f'din il-kawża minħabba li mhuwiex l-irwol tal-qrati b'setgħat kostituzzjonali li jistabilixxu kwistjonijiet marbuta ma' jeddijiet reali fuq proprjetà. Dan għaliex il-jedd ta' abitazzjoni ma jistax jinħoloq b'azzjoni kostituzzjonali;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat ir-risposta ta' l-intimata Caruana[2] fejn laqgħet għax-xilja billi qalet li :-

[2] Folio 38

1. *Illi bir-rispett kollu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti m'huma xejn hlief sabiex jipprovaw jtawwlu proceduri fejn il-Qorti diga' pronunzjat ruhha dwar il-fatti relatati mal-kaz u dwar l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-propjeta' li kienet id-dar matrimonjali;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u huma tentattiv iehor sabiex ittawwal il-proceduri sabiex tahli l-hin tal-Onorabbli Qorti u sad-dan it-tant tibqa' tghix go propjeta' li m'ghandiex dritt li tghix aktar fiha minhabba l-pronunziament tas-sentenza ta' dina 1-Onorabbli Qorti diversament pre-suduta li giet ikkonfermata fil-Qorti Tal-Appell;*

3. *Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Paul Caruana vs Olena Caruana [Rik. Gur. 150/10RGM] deciza fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) [Dok A]*** *il-Qorti fost provedimenti ohra qalet is-segwenti:-*

   *...(4) ... ...tikkoncedi lill-konvenuta id-dritt li tkompli tabita fid-dar matrimonjali Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, sa zmien sena mil-lum b 'dan illi qed tipprojbixxi lil terzi persuni milli jirrisjedu f'dan il-fond. Ksur ta' din il-kondizzjoni jwassal ghat-tmien premature tad-dritt ta' abitazzjoni hawn koncess lill-konvenuta. Il-konvenuta qed tigi ordnata illi mal-iskadenza tal-imsemmija sena tizgombra mill-fond matrimonjali;*

4. *Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet* ***Paul Caruana u b' digriet tal-15 ta' Marzu 2016 stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza l-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem Catherine Imperia Caruana vs Olena Caruana Verbytska [Dok B],*** *il-Qorti fid-decide taghha qalet is-segwenti:-*

   *Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu internament u tikkonferma s-sentenza appellata kompriz ghall-kap tal-ispejjes, l-ispejjez kollha tal-appell huma a karigu tal-appellanti.*

   *It-termini impost mis-sentenza appellati jibdew ghaddejjin mil-lum.*

   *Illi bir-rispett kollu dovut d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ghandha tigi rispettata fl-intier taghha u ghalhekk gie intavolat dana I-mandat stante li rrikorrenti ma zgombratx u ghaldaqstant qieghda tinjora kompletament iddecizjoni tal-Qorti tal-Appell u mhux tali qeghda tipprova tuza I-Qorti sabiex ittawwal iz-zmien!*

5. *Illi l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti qeghda tigi vjolata mid-drittijiet fondamentali taghha jistghu jigi invokati wkoll mill-esponenti li dahlet fiz-zarbun tal-mejjet bhala werrieta tieghu, li galadarba 1-Onorabbli Qorti diga' hadet decizjoni li d-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet allura d-drittijiet tal-esponenti jigu mittiefsa jekk hija tibqa' tghix gol-propjeta' li nofs indiviz tal-propjeta' mhux taghha u dana jkun ta' detriment ghal esponenti;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha* ***tichad*** *it-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier taghom bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.*

Rat id-digriet tagħha datat 29 ta' Novembru, 2017.[3]

Rat l-atti kollha tal-kawża

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet presentati.

Rat ukoll id-digriet tagħha fejn irrevokat cont*rario imperio* d-digriet fejn kienet laqgħet l-ewwel talba[4] biex b'hekk allura ma ġietx konċessa il-misura interim mitluba.

Ikkunsidrat

1. Illi ir-rikorrenti tressaq dawn il-lanjanzi ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali billi tinvoka l-ksur ta' l-artikoli 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Konvenzjoni), u/jew l-artikolu 3 u /jew l-artikolu 8 u /jew l-artikolu 6 u/jew l-artikolu

[3] Folio 11
[4] Folio 134.

13 tal-Konvenzjoni ukoll l-artikolu 37 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni nostrali.

2. Dawn l-allegati lanjanzi, skont ir-rikorrenti huma riżultat ta' żewġ sentenzi moghtija fil-konfront tagħha konċernanti separazzjoni personali tagħha u tad-deċedut żewġha waħda fl-ewwel istanza u l-oħra kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, u l-konsegwenza mandat ta' żgumbrament mill-propjeta', qabel dik matrimonjali, li xprunat dawn il-lanjanzi. Id-deċiżjoni li għaddiet in ġudikat kienet tali lir-rikorrenti ġiet ordnata li fiż-żmien sena tivvaka l-appartament li hi kienet akkwistat fiż-żwieġ ma żewġha biex b'hekk dan jinbiegħ u r-rikavat ta' l-istess jinqasam bejnha u bejn l-intimata Caruana , issa li l-intimata spiċċat wirtet lil binħa il-mejjet żewġ ir-rikorrenti.

3. Dan iwassal ukoll lir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li l-aħħar testament li għamel żewġha kien wieħed ivviżżjat. F'dan żewġha ħalla bħala eredi universali ta' sehmu lil ommu u missieru, biex b'hekk illum ommu armla, għandha nofs indiviż mill-propjeta soġġetta għal bejgħ kif ordnat mill-Qorti ta' l-Appell kif riferut. Issostni li fil-konfront ta' dak li għandu jirregola l-eredita' ta' żewġha għandu japplika t-testment preċedenti tiegħu li sar fl-atti tan-Nutar Rueben Abela. Fil-konfront ir-rikorrenti tissottometti li intavolat kawża għal kontestazzjoni ta' l-aħħar testment imsemmi.

4. Oltre hekk tilmenta li l-intimata intavolat anke mandat ta' żgumbrament biex tinforza l-ġiudizzju imsemmi. Hi, r-rikorrenti, intavolat proċeduri ta' sospensjoni għal -istess li tilfet anke fi stadju ta' Appell, li per parentesi ġie deċiż fil-mori ta' dawn il-proċeduri.[5] Per parentesi ġie dikjarat ukoll fil-mori ta' dawn il-proċeduri li llum dan il-mandat eżekuttiv jinsab esegwit.[6]

[5] Appell nru. 213/17JPG deċiż 14 ta' Diċembru, 2018.
[6] Seduta 29th May 2019 folio 142

## 5. **L-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.**

L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat ta' l-Istat jressaq eċċezzjoni preliminari lir-rikorrenti messa nqdit bir-rimedji ordinarji provduti mill-liġi domestika qabel ma rrikorrit għal kawża odjerna. Konsegwentement jistieden lil din il-Qorti sabiex żżomm lura milli teżerċita s-setgħta kostituzzjonali tagħha ai terminu ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Essenzjalment dan l-intimat jsostni lli fl-ewwel lok qabel mar-rikorrent tista tilmenta li se jinkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha immisha fl-ewwel lok għamlet użu minn mekaniżmu provdut fil-liġi domestika ordinarja u tittanta twaqqaf  il-bejgħ ta' l-appartament permezz ta' użu ta' mezz aktar ordinarju, ċioe' b'użu ta' mandat ta' inibizzjoni.

Għalkemm il-Qorti tista' tasal biex in parti tagħti raġun lil Avukat Ġenerali f'dan l-argument għaliex fil-verita' kien mezz legali a disposizzjoni tar-rikorrenti 'pero din il-Qorti, tħoss li dan mhux għal kollox korrett.

6. Dan il-prinċipju mressaq mill-intimat Avukat Ġenerali ġie ben espost fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Noel Spiteri et. vs L-Avukat Ġenerali.**[7]
*"Illi wara li gie sorvolat dan, l-eccezzjoni l-ohra li trid tigi deciza hija dik moghtija mill-intimati u l-Awtorita' kjamata fil-kawza skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 fejn jinghad li din il-Qorti ghandha*

[7] Deċiża 26/02/2009:33/2002/RCP

*tiddeklina li tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha kemm il-darba r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedji tieghu ordinarj*

*Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Paul Fenech et vs Kummissarju ta' l-Artijiet et" (Q.K. - 16 ta' Mejju 2008) fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:-*

*"...illi persuna m'ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

*Illi fil-kawza "Mifsud Bonnici et v Tabone noe et" (24 ta' Settembru, 2002) inghad li:-*

*"Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "a measure of last resort" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F'socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching".*

*Illi fuq din il-kwistjoni, l-awturi Jacobs and White, fil-ktieb "The European Convention on Human Rights" (Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, (pg. 354):-*

*"The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual".*

*Illi konsistentement ma' dan fil-kawza "Al Sakalli vs Prim Ministru et" (Q.K. - 7 ta' April, 2000) intqal b'mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni kostituzzjonali dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija proponibbli biss meta ma hemmx rimedju iehor effettiv skont il-ligi ordinarja. Jekk jezisti dan ir-rimedju taht il-ligi ordinarja allura wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll "Gaffarena vsKummissarju tal-Pulizija" deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u "McKay vs Kummissarju tal-Pulizija" deciza min din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 1995).*

*Illi fil-kawza "Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet" (Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet illi:-*

*"Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed*

*tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwente-ment meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni".*

*Illi minbarra dan fil-kawza fl-isimijiet "Tefarra Teseba Berhe v Kum-missarju tal-Pulizija" (20 ta' Gunju 2007) il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha rribadiet li:-*

*"l-eżistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżeritax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali stat ta' fatt".'*

***'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat**.'*(enfasi ta' din il-Qorti).

7.Riprodotti dawn il-konstatazzjonijiet, hija l-fehma tal-Qorti li dak li qed titlob ir-rikorrenti jmur kemm xejn oltre minn sempliċi applikazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni u dana għaliex hi tilmenta ukoll mid-deċiżjonijiet tal-Qrati li ngħataw fir-rigward tal-fond *de quo*. Tfakkar li mandat ta' inibizzjoni jistrieh fuq jedd li jeżisti mad-daqqa t'għajn meta bħala fatt il-mandat eżekuttiv adoperat kien isegwi sentenza ta' Qorti li għaddiet in ġudikat. Jekk l-eżekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat tolqot xi jedd fundamentali tar-rikorrenti jmur oltre jekk dik l-eżekuzzjoni messiex twaffqet.

**Konsegwentement din il-Qorti tqies, u dan bla ma jingħata xi impressjoni lil lanjanzi tar-rikorrenti jafu mis-sewwa, li għandha tgħaddi biex tinvestiga l-lanjanzi kif mressqa u tiċħad għalhekk din l-eċċezzjoni.**

Ikkunsidrat

**6.Vjolazzjoni Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Arikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol.**

Lir-rikorrenti tibbaża wieħed mill-ilment tagħha fuq il-ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fuq il-fatt li darba eżegwit il-mandat( kif fil-fatt ġara fil-mori), hi se tiġi mċaħħda mit-tgawdija tas-sehem indiviż tal-propjeta', ukoll li jekk jkollha suċċess fil-kawża msemmija ta' impunjazzjoni ta' l-aħħar testment ta' żewġha, il-bejgħ furżat ukoll iċċaħħadha minn din it-tgawdija. Tilmenta ukoll li hi m'għandhiex mezzi biex takkwista propjeta' oħra.

7. Bla tlaqliq jiġi dikjarat illi huwa xejn anqas minn ridikolu illi jiġi pprospettat illi kemm il-Kostituzzjoni ukoll il-Konvenzjoni jżommu illi eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti f'pajjiż li jħaddan is-saltna ta' dritt imur kontra prinċipji u drittijiet fundamentali mħaddna fihom. Kieku kien hekk, mill-lat ġenerali, allura kull sentenza li tolqot dritt petitorju kienet tkun fiergħa u inutli . Qorti għandha d-dover li fuq provi mressaq u rispettat il-proċess ġiudizzjarju kif regolat bil-liġi ritwali, li tassal għal konklussjoni tagħha. Oltre, din il-konklussjoni tkun inutli jekk imbagħad m'hemmx makkinarju legali provdut biex tiġi tradotta f'sodissfazzjon għar-rebbieħ.

8. L-artikolu wieħed ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni jitkellem ċar fir-rigward.

**Article 1 of Protocol No. 1 – Right to property**

> *"1. Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and* ***subject to the conditions provided for by law*** *and by the general principles of international law.*
>
> *2. The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties." (tipa grassa enfasi tal-Qorti).*

Ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni nostrali jirrispekkja l-istess ħsieb billi igħid hekk:-

*"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq propjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju,* ***ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –***

*(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak ilkumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u lammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; " u*

*(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:*

*Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –*

*(a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;*

*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;*

*(c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;*

*(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;*

*(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;*

*(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor;*

*(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;*

***(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;***

*(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;*

*(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar ilpreskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew iddrittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew*

*(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –*

*(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew ilkonservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew*

*(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

*(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.*

*(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi għat-teħid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta."* ***(enfasi ta' din il-Qorti).***

Huwa ċar għalhekk illi l-lanjanzi tar-rikorrenti mressqa fir-rigward ma jsibu ebda konfort ġia minn ħarsa sempliċi lejn il-kelma tal-liġi involuta.

9. Jerġa jiġi ritenut u emfasizzat illi apparti l-fatt illi s-sentenzi li tagħhom ir-rikorrenti kienet qed tipprova żżomm l-eżekuzzjoni għaddew in ġudikat, ħadd, u ċertament wisq anqas l-Istat innifsu mhux qed jieħu għalih xi propjeta' tar-rikorrenti. Hija l-Qorti li wasslet għad-deċizzjoni tagħha kif kienet obbligata tagħmel f'sistema fejn tirrenja s-saltna tad-dritt u bl-applikazzjoni ġusta tal-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu.

10. Oltre hekk il-pretensjoni tar-rikorrenti illi hi għandha in-nofs indiviz ta' żewġha fuq l-appartament *de quo* hija għal kollox erronea għax din għada soġġetta għal deċiżjoni ġuidizzjarja. Kieku biss din il-pretensjoni ssib suċċess, xorta jibqa' lilha konċess dak id-dritt ta' eżekuzzjoni li hi qed tipprova żżomm lil ħaddieħor milli jeżerċita bi kwalunkwe mandat eżekuttiv applikabbli għal każ tagħha.
Konsegwentement isib illi sakemm il-lanjanza tagħha tistrieh fuq l-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni nostrali li din m'għandix raġun u dik it-talba qegħda tiġi miċħuda.

**11.Vjolazzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.**

Ir-rikorrenti targumenta ukoll illi darba eżegwit il-mandat, fatt li llum sar, li se tkun qed issoffri lezjoni ta' dan l-artikolu għax darba mibjugħ l-appartament, dan qabel ma tgħaddi in ġudikat il-kawza dwar il-validita' ta' l-aħħar testment ta' żewġha, hi mhux se jkollha mkien fejn tmur tgħix ukoll jekk tirbaħ din il-kawża, għax ma ġietx offruta lilha akkomodazzjoni alternattiva. Tilmenta li se tintefa barra fit-triq.

12. Fl-ewwel lok, jerġa jiġi ritenut lil bejgħ tal-propjeta in kontestazzjoni huwa wieħed sanċit b'ordni ta' Qorti tal-Appell wara li din għamlet l-valutazzjonijiet kollha legali tagħha u rrivedit is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti skont l-aggravji lilha mressqa.

13. Fit-tieni lok l-artikolu 3 hawn invokat jittratta d-dritt ta' kull individwu li ma jkunx *assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*
Dan l-ilment kif imressaq juri biċ-ċar li verament din ir-rikorrenti m'għandha ebda ħjiel ta' dak li hi tortura, trattament inuman u degradanti li żgur mhux riżultat tat-tħaddim ta' proċess ġudizzjarju f'soċjeta demokratika u ċivili. Bla dubbju sentenza ta' Qorti taf tkun waħda mhux favorevoli ukoll li ddejjaq, però qatt fejn tirrenja s-saltna tad-dritt ma hi waħda li tinqabad fis-sanzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

14. Lanqas il-fatt lir-rikorrenti ma ġietx offruta akkomodazzjoni alternattiva ma jaqa' fl-ambitu ta' dan l-artikolu. L-Istat mhux tenut li jagħmel tajjeb għal minn b'azzjonitu jitlef xi dritt mill-propjeta'. Fuq kollox din il-propjeta' in kontestazzjoni kienet tappartjeni lil kommunjoni u r-rikorrenti ġiet sanzjonata bit-telf tal-jedd li tibqa' tgħix fil-propjeta' *de quo* bl-applikazzjoni tal-liġi fil-kawża tas-separazzjoni personali[8]. Ukoll, prevja dikjarazzjoni ġudizzjarja kontrarja, żewġ ir-rikorrenti kien liberu li jidisponi kif ridt b'ġidu.

15. Tfakkar il-Qorti li kif inhuma l-affarijiet illum r-rikorrenti Caruana tgawdi nofs indiviz fuq l-appartament in kwistjoni u għalhekk minn nofs il-prezz tal-propjeta msemmija darba li din tinbiegħ, flejjes li tista tuża biex takkwista propjeta' alternattiva. Oltre hekk x'wassal lil żewġ ir-rikorrenti jibdel it-testament minnu magħmul mhux inkombenti fuq l-Istat li jirrispondi għal dan. Jerġa jiġi ritenut li jekk l-aħħar testment hu verament invalidu kif tallega r-rikorrenti u dan bi ħtijiet ta' l-intimata Caruana , allura tirrispondi din ta' l-aħħar għal dan u mhux l-Istat li m'għandu ebda obbligazzjoni posittiva li jipprovdi

[8] Artikolu 48(1)(a) tal-kap 16.

ebda akkomodazzjoni f'din l-istanza u ma jkun qed jivvjola ebda artikolu 3 fil-kaz.

16. Fin-noti maħruġa mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem bl-isem **Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights: Prohibition of Torture**[9] l-iskop ta' dan l-artikolu juri biċ-ċar kemm hi żbaljat r-rikorrenti meta tinvoka l-ksur tiegħu fil-konfront tagħha, jingħad:-

"C. ***Scope of Article 3***

5. *The prohibition under Article 3 of the Convention does not relate to all instances of ill-treatment (Savran v. Denmark, [GC], 2021, § 122). According to Court's well-established case-law, in general, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of that level is relative and depends on all the circumstances of the case, such as duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (Muršić v. Croatia [GC], 2016, § 97).*

6. *In order to determine whether the threshold of severity has been reached, other factors may be taken into consideration, in particular: (a) the purpose for which the ill-treatment was inflicted, together with the intention or motivation behind it, although the absence of an intention to humiliate or debase the victim cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 of the Convention; (b) the context in which the ill-treatment was*

[9] First edition – 31 August 2022

*inflicted, such as an atmosphere of heightened tension and emotions; and (c) whether the victim is in a vulnerable situation (Khlaifia and Others v. Italy [GC], 2016, § 160).”*

Di piu sa fejn jirrigwarda sentenzi ta’ Qorti, parti mill-lamentela tar-rikorrenti jingħad fl-istess noti li:-

*“2. Grossly disproportionate sentences*

72. *The Court accepts that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention, a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition. However, the Court has emphasized that “gross disproportionality” is a strict test and it will only be on rare and unique occasions that the test will be met (Babar Ahmad and Others v. the United Kingdom, 2012, § 237; Harkins and Edwards v. the United Kingdom, 2012, § 133).”*

Huwa ċar mir-riproduzzjoni tat-tagħlim tal-Qorti Ewropeja lli ma hemm ebda vjolazzjoni ta’ dan l-artikolu kif prospettat mir-rikorrenti u għalkemm din mhux Qorti ta’ revisjoni, din il-Qorti ma tidejjaq xejn tgħid li ma kien hemm xejn mis-sentenzi li minnhom tilmenta r-rikorrenti li kien *gossly disproportionate* fil-konfront tagħha. Kull ma għamlet il-Qorti kien biss li applikat il-liġi vigenti fil-kaz bih adit.

**17. Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

Il-Qorti tagħmel mill-ewwel referenza għal dak provdut fis-sub inċiż ta’ dan l-artikolu li jgħid ċar u tond lir-regola stabbilita fl-ewwel paragrafu hija limitata b’dak provdut fit-tieni sub-inċiż u ċioe’ dak li jaqa’ taħt ordni ta’ awtorita’ pubblika.

Dan l-artikolu jaqra:

*1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Huwa nkontestat illi Qorti hija awtorita' pubblika u li kull pronunżjament ġiudizzjarju, bħal ma hi sentenza ta' separazzjoni personali, huwa operat tal-liġi meħtieġ f'soċjeta' demokratika *par excellance.*

Jerġa jiġi ritenut li kull argument lir-rikorrenti tressaq dwar il-futur riżultat ta' kawża pendenti, dwar il-validita' ta' l-aħħar testment ta' żewġha ma jħassar xejn mill-ġudikat tas-sentenza fil-konfront tas-separazzjoni personali u l-istat ta' fatt stabbilit bl-istess u dan anke bit-tħaddin tal-masssima *res judicata pro veritate habetur*. Ukoll li xejn ma jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti li tfittex ċivilment lil intimata Caruana jekk tingħata raġun fil-kawża tal-validita' tat-testment.

**Konsegwentement anke din il-lanjanza ma tistax ssib suċċess.**

**18. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

Ir-rikorrenti tilmenta ukoll li se ssofri ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli darba li jekk tiġi mkeċċija minn darha, il-konsegwenza li hi jkollha ċċedi l-kawża fejn qed tatakka il-validita' ta' l-aħħar testment ta' żewġha b'hekk jiġi leż d-dritt ta' aċċess tagħha għal ġustiżja. Issegwi dan bl-argument li ma tkunx tista' ssegwi l-ġudizzju mingħajr intralċ, ukoll li tiġi mxekkla fi proċess avversjali fid-dritt ta' parita' u ugwaljanza bejn il-partijiet bla indħil. Ukoll li l-eżekuzzjoni tas-sentenza permezz tal-mandat jġibu fix-xejn kull linja difenzzjonali tagħha.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li taqbel għal kollox ma dak eċċepiet mill-Avukat Ġenerali/Avukat ta' l-Istat għal din il-lanjanza għax mhux biss tqies li din hija waħda fiergħa imma adirittura legalment żbaljat ukoll b'argumenti bla sens u nsostenibbli.

19. Ħarsa lejn dawk il-prinċipji stabbiliti fl-artikol hawn invokati ma jaghti ebda dritt ta' dawk il-pretensjonijiet li ressqet ir-rikorrenti biex issostni din il-lanjanza.

Il-prinċipju ta' dritt ta' smiegħ xieraq stabbilit f'dawn iż-żewġ artikoli mhux dipendenti fuq l-eżekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat. Huma varji l-principji li jwasslu għal dan id-dritt kif ġie konstantement ripetut fil-ġurisprudenza nostrali u dik tal-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem però xejn minn dawk pretiżi mir-rikorrenti. Il-Qorti tistieden lil minn xpruna u mbotta din il-lanjanza li jagħti daqqa t'għajn **sew** lejn in-notamenti ġia riferuti tal-Qorti Ewropeja li jirrigwardaw dan l-artikolu.

Tant l-argument tar-rikorrenti fir-rigward huwa fazul, illi hi dejjem komplit bil-kawża li resqet biex tinpunja it-testment tad-deċedut

żewġħa bil-kawża 1064/16JVC, illum deċiża b'sentenza 28 ta' Ottubru, 2021, li però tidher mis-sistema tal-Qorti li ġiet appellata.

19. L-argument però jibqa' tali li ma kien hemm xejn li mpedixxa lir-rikorrenti milli tkompli tmexxi l-kawża minnha avvanzata f'sistema avversjali, quddiem qorti imparzjali u indipendenti, bil-possibiltajiet kollha li tressaq il-provi tagħha, tagħmel id-debita kontro-eżamijiet u sottomissjonijiet neċessarji biex tipprova il-vertenza tagħha. Marbut ma dan allura hemm il-konklussjoni ovvja illi hi kellha aċċess effikaċi u effettiv għal Qorti, kemm ta' l-ewwel u tat-tieni istanza,  li ma jfissirx però li jħaddan fih  xi nozzjoni jew konklussjoni ta' suċċess garantit.

Għandu jiġi mifhum ukoll mir-rikorrenti illi l-fatt li tkun presentat kawża bil-pretensjonijiet tagħha ma jfissirx li din bilfors  se ssib suċċess għax is-sistema avversjali li fuqha jistrieħ il-proċess ġudizzjarju jagħti lok ukoll għal-istess drittijiet pretiżi minnha anke lil kontro parti.

**Għaldaqstant taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bi spejjeż a karigu tagħha.**

**Onor Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep. Reg**